REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1713

tal-20 ta' Settembru 2016

li jiffissa l-limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet taz-zokkor u l-isoglukożju barra mill-kwota sa tmiem il-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 139(2) u l-punt (g) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 144 tiegħu,

Billi:

(1) Skont il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 139(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, iz-zokkor jew l-isoglukożju li jiġi prodott u li jaqbeż il-kwota msemmija fl-Artikolu 136 ta' dak ir-Regolament, jista' jiġi esportat biss fi ħdan il-limitu kwantitattiv li jrid jiġi ffissat mill-Kummissjoni.

(2) Ir-regoli ddettaljati tal-implimentazzjoni għall-esportazzjonijiet barra mill-kwota, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni, huma stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 ([2]). Madankollu, għal kull kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni, il-limitu kwantitattiv jeħtieġ li jiġi ffissat abbażi tal-opportunitajiet possibbli fis-swieq tal-esportazzjoni.

(3) Għal ċerti produtturi taz-zokkor u l-isoglukożju fl-Unjoni, l-esportazzjonijiet mill-Unjoni jirrappreżentaw parti importanti mill-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, u dawn stabbilew swieq tradizzjonali barra mill-Unjoni. L-esportazzjonijiet taz-zokkor u tal-isoglukożju lejn dawk is-swieq jistgħu jkunu ekonomikament vijabbli anke mingħajr l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Għal dan il-għan jeħtieġ li jiġi ffissat limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet taz-zokkor u tal-isoglukożju barra mill-kwota sabiex il-produtturi kkonċernati tal-UE jkunu jistgħu jkomplu jfornu lis-swieq tradizzjonali tagħhom.

(4) Għall-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017, huwa stmat li l-iffissar tal-limitu kwantitattiv inizjalment għal 650 000 tunnellata, f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, għall-esportazzjonijiet taz-zokkor barra mill-kwota, u għal 70 000 tunnellata, f'materja niexfa, għall-isoglukożju barra mill-kwota, ikun jikkorrispondi għad-domanda tas-suq.

(5) L-esportazzjonijiet taz-zokkor mill-Unjoni lejn ċerti destinazzjonijiet fil-qrib u lejn pajjiżi terzi li jagħtu trattament preferenzjali tal-importazzjoni lill-prodotti tal-Unjoni, attwalment jinsabu f'pożizzjoni kompetittiva partikolarment favorevoli. Fid-dawl tan-nuqqas ta' strumenti xierqa ta' assistenza reċiproka fil-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' frodi u jiġi evitat kull abbuż assoċjat mal-importazzjoni mill-ġdid jew mad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' zokkor barra mill-kwota, ċerti destinazzjonijiet fil-qrib jeħtieġ li jiġu eskluži mid-destinazzjonijiet eliġibbli.

(6) Fid-dawl tal-istima ta' anqas riskji ta' frodi eventwali fir-rigward tal-isoglukożju minħabba n-natura tal-prodott, mhuwiex meħtieġ li jkunu ristretti d-destinazzjonijiet eliġibbli għall-esportazzjoni tal-isokglukożju barra mill-kwota.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017, il-limitu kwantitattiv imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 139(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jkun ta' 650 000 tunnellata għall-esportazzjonijiet mingħajr rifużjoni ta' zokkor abjad barra mill-kwota kklassifikat fil-kodici NM 1701 99.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24).

2. L-esportazzjonijiet fil-limitu kwantitattiv iffissat fil-paragrafu 1 għandhom ikunu permessi għad-destinazzjonijiet kollha, minbarra:

(a) il-pajjiżi terzi: l-Albanija, Andorra, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Kosovo ([1]), il-Liechtenstein, il-Montenegro, San Marino u s-Serbja;

(b) it-territorji tal-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni: il-Gżejjer Faeroe, Greenland, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-komuni ta' Livigno u Campione d'Italia, u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv;

(c) it-territorji Ewropej li għar-relazzjonijiet esterni tagħhom huwa responsabbli Stat Membru, li ma jiffurmawx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni: Ġibiltà.

Artikolu 2

L-iffissar tal-limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet tal-isoglukożju barra mill-kwota

1. Għall-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017, il-limitu kwantitattiv imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 139(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandu jkun ta' 70 000 tunnellata ta' materja niexfa, għall-esportazzjonijiet mingħajr rifużjoni ta' isoglukożju barra mill-kwota kklassifikat fil-kodiċijiet NM 1702 40 10, 1702 60 10 u 1702 90 30.

2. L-esportazzjonijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu permessi biss meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2016.

Għandu jiskadi fit-30 ta' Settembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.